**Stqarrija Ministerjali magħmula mill-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Edward Scicluna, f'Seduta 246 tal-4 ta' Marzu 2015 dwar il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja**

1. Kif spjegajt fl-aħħar stqarrija tiegħi dwar l-estensjoni tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja, fl-20 ta' Frar 2015, fil-laqgħa tal-Ministri għaż-żona tal-ewro, il-Eurogroup, kien intlaħaq qbil provviżorju dwar l-estensjoni ta' dan il-programm. Dakinhar, bħala parti minn dan il-ftehim, il-Greċja kienet intrabtet illi tfassal programm ta' riformi u tissottomettihom għall-evalwazzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej u l-Fond Monetarju Internazzjonali sat-Tnejn, 23 ta' Frar, 2015.

2. Il-Gvern Grieg għandu jippreżenta l-ewwel lista ta' riformi tiegħu filgħaxija tard tal-Ħadd, 22 ta' Frar 2015. Qiegħed inpoġġi kopja tal-programm ta' riformi kif imfassal mill-Greċja u kif ġie sottomess lill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Fond Monetarju Internazzjonali fuq il-Mejda tal-Kamra. Kif kien maqbul, l-istituzzjonijiet imsemmija kellhom jagħtu l-ewwel opinjoni tagħhom dwar jekk il-lista ta' riformi kinitx komprensiva biżżejjed sabiex jingħata bidu għall-konklużjoni b'suċċess tar-review tal-programm eżistenti. Dan il-programm ta' riformi għandu jiġi elaborat aktar u maqbul mal-istituzzjonijiet imsemmija sal-aħħar t'April 2015.

3. Nhar it-Tlieta, 24 ta' Frar 2015, reġa' tlaqqa' il-Eurogroup permezz ta' telekonferenza bil-għan illi:

   (a) Jingħata rendikont mill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Fond Monetarju Internazzjonali dwar l-evalwazzjoni inizjali u l-opinjoni tagħhom dwar il-proposti ta' riforma tal-Gvern Grieg kif indikat fil-paragrafu 9(c) ta' din l-istqarrija;
   (b) Skont u jekk din l-evalwazzjoni tkun pożittiva tiġi approvata formalment it-talba tal-Gvern Grieg għal estensjoni tal-Programm ta' Aġġustament għall-erba' xhur li ġejjin kif indikat fl-istqarrija tal-Eurogroup.

4. Il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew kif ukoll il-Fond Monetarju Internazzjonali indirizzaw rapport individwali u preliminari lill-Eurogroup dwar il-proposti ta' riforma tal-Gvern Grieg. Waqt il-laqgħa tal-Eurogroup, kull istituzzjoni tat spjegazzjoni tar-rapport tagħha. Kopji tal-evalwazzjonijiet inizjali tal-istituzzjonijiet qegħdin jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

5. Apparti xi riżervi dwar in-nuqqas ta' dettall dwar ir-riformi proposti mill-Greċja, kull istituzzjoni stqarret illi l-proposti kif imressqa mill-Greċja kienu suffiċjenti u allura bażi tajba għal aktar diskussjonijiet dwar it-twettiq tagħhom matul il-perijodu estiż tal-programm; jiġifieri 4 xhur mill-aħħar ta' Frar. Għalhekk il-programm għandu jingħalaq sal-aħħar ta' Ġunju, 2015.

6. Il-Eurogroup ħa kont tal-pariri li ngħataw mill-istituzzjonijiet Ewropej u mill-Fond Monetarju Internazzjonali u approva l-proposta ta' estensjoni tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja.

7. Il-Gvern Malti jemmen illi l-perijodu mġedded għall-programm tal-Greċja għandu jintuża b'mod għaqli sabiex:

(a) B'ħidma serja u kredibbli terġa' tinbena l-fiduċja bejn il-Greċja, l-istituzzjonijiet u l-kredituri kollha tal-Greċja;

(b) Tiġi mnaqqsa l-inċertezza fil-Greċja dwar il-futur ekonomiku u finanzjarju tagħha u b'hekk tirritorna l-istabilità u jingħata nifs lill-ekonomija Griega;

(c) Jinħoloq spazju u opportunità li fih ikunu jistgħu isiru dawk id-diskussjonijiet li hemm bżonn sabiex ikomplu jiġu indirizzati b'mod tajjeb u seren l-isfidi li qiegħda taffaċċja l-Greċja.